Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 23 ta' Frar 2001.

Avviz Nru: 1474/97

Korporazzjoni Telemalta (Sezzjoni Arretrati) u b'nota tal-20 ta' Frar 1998 is-socjeta' kummercjali Maltacom p.l.c. assumiet l-atti tal-kawza bhala cessjonarja tal-kreditu pretiz fl-avviz fuq precitat.

Vs

Georgina Galea u b'digriet tad-19 ta' Jannar 2000 il-kunjom Galea gie sostitwit bil-kunjom Haddar

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-Korporazzjoni attrici talbet il-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u tnejn u erbghin Liri Maltin u tmien centezmi (Lm542.08) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 375313 (skond kif jirrizulta mill-anness `statement' Dok A) liema servizz gie nstallat fil-fond `Mondial Garage', Triq San Anard, San Gwann u dana skond ma kif jidher mill-anness `service agreement' Dok B.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Mejju 1997 u tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta debitament notifikata ma dehritx biex tikkontesta t-talba attrici. Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat id-

dokumenti esebiti u semghet bil-gurament lix-xhieda prodotti mill-Korporazzjoni attrici, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur s-somma mitluba ta' hames mija u tnejn u erbghin lira Maltin u tminn centezmi (Lm542.08c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mil-lum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg